MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Appell Civili Numru. 156/2002/1

**Atlas Insurance Agency Limited *in rapprezentanza* tas-socjeta` estera *AXA Insurance plc,* kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghhom *Tiara Company Limited* abbazi tal-ligi u tal-polza ta’ assigurazzjoni u b’nota**
**tad-19 ta’ Mejju, 2005 assumiet l-atti s-socjeta` Atlas Insurance Limited *in rapprezentanza* tas-socjeta` *AXA Insurance plc* minflok Atlas Insurance Agency Limited u kull fejn jirrikorri u b’digriet tad-29 ta’ Marzu 2007**
**Atlas Insurance Plc Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Tiara Company Limited abbazi tal-ligi u tal-polza ta’ assigurazzjoni assumiet l-atti tal-kawza**

**v.**

**Medex Container Services Limited u Malta Freeport Corporation Limited, u b'digriet tat-8 ta' April, 2002, il-kelma *"Corporation"* giet sostitwita bil-kelma *"Terminals"***

**Il-Qorti:**

**I. IS-SENTENZA APPELLATA**

1. Dan huwa appell maghmul mis-socjeta` attrici nomine mis-segwenti sentenza, moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, fl-4 ta' April 2006 fil-kawza fl-ismijiet premessi. Is-socjeta` konvenuta Medex Container Services Limited ipprevalixxiet ruhha mill-appell tas-socjeta` attrici u ressqet appell incidentali mill-istess sentenza. Ghall-ahjar intendiment ta' dawn l-appelli, s-sentenza appellata sejra tigi riprodotta hawn kollha kemm hi:

"Il-Qorti:

"Rat ic-citazzjoni ppresentata mis-socjeta` attrici fit-8 ta' Frar, 2002, li *in forza* taghha, wara li ppremettiet illi:

"1. Is-socjeta` konvenuta Medex Container Services Limited giet inkarigata ggor merkanzija tas-socjeta` *Tiara Company Limited* u dan is-socjeta` konvenuta ghamlitu billi garret il-merkanzija fil-*container* numru *LRCU 4495493*, li gie mballat fil-prezenza tar-rapprezentant tal-Kontrullur tad-Dwana li ssigillah. Dan il-*container* telaq minn Malta fi Frar 2001 u meta l-imsemmi *container* twassal lura Malta, irrizulta li l-merkanzija ma kienitx fil-*container* relattiv.

"2. Ghalhekk waqt li l-merkanzija tal-assigurat tas-socjeta` attrici kienet f'idejn u taht il-kura u l-kustodja tal-konvenuti, jew min minnhom, rrizulta n-nuqqas, li ghalih huma responsabbli bhala l-persuni li jridu jghaddu l-merkanzija lill-konsenjatarju fl-istess kondizzjoni u kwalita' li huma jkunu rcevewha.

“3. *Ai termini* tal-polza ta’ assigurazzjoni ezistenti bejn is-socjecta’ attrici u l-assigurata taghha (*Tiara Company Limited)*, is-socjeta` attrici kellha tindennizza lill-assigurata taghha tad-danni li gew lilha kawzati *ai termini* tal-premess u b’hekk issa hija giet surrogata fid-drittijiet tal-istess assigurata.

“4. B’rizultat tal-premess is-socjeta` attrici hallset is-somma ta’ erbghin elf tmien mija u erba’ u ghoxrin lira u tnejn u hamsin centezmu (Lm40,824.52), inkluzi spejjez tas-*surveys* relattivi.

“5. Il-konvenuti nterpellati sabiex jindennizzaw lis-socjeta` attrici s-somma fuq imsemmija baqghu inadempjenti.

“Talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

“(1) tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom unikament responsabbli ghan-nuqqas fil-merkanzija tal-assigurat tas-socjeta` attrici u ghad-danni relattivi

“(2) tillikwida d-danni sofferti mill-assigurat tas-socjeta` attrici li ghalihom ghamlet tajjeb l-istess socjeta` attrici u l-ispejjez konsegwenzjali sofferti mis-socjeta` attrici, fis-somma globali ta’ erbghin elf tmien mija u erba’ u ghoxrin lira u tnejn u hamsin centezmu (Lm40,824.52), jew somma verjuri

“(3) tikkundanna lill-istess konvenuti jew min minnhom ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ erbghin elf tmien mija u erba’ u ghoxrin lira u tnejn u hamsin centezmu (Lm40,824.52), jew somma verjuri, bhala d-danni sofferti u zbursati mis-socjeta` attrici li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti jew min minnhom

“(4) tikkundanna lill-istess konvenuti jew min minnhom ihallsu lis-socjeta` attrici l-imghax legali ta’ tmienja fil-mija (8%) fuq l-imsemmi ammont, mid-data tal-pagament u *cioe’* mill-4 ta’ Settembru, 2001 sal-gurnata tal-effettiv

pagament – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

“Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tat-18 ta’ Jannar, 2002 kontra l-konvenuti jew min minnhom li minn issa jibqghu ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` *Malta Freeport Corporation Limited* li *in forza* taghha eccepiet illi:

“1. Is-socjeta` *Malta Freeport Corporation Limited* ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju billi mhix il-legittima kontradittrici.

“2. Minghajr pregudizzju ghall-premess illi l-eccipjenti qatt ma kellha taht il-kura u l-kustodja taghha l-*container in kwistjoni* u ghalhekk la naqset u anqas setghet tonqos minn xi obbligu legali jew kontrattwali.

“3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` *Medex Container Services Limited* li *in forza* taghha eccepiet illi:

“1. Fil-konfront tal-eccipjenti it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici *stante* illi l-eccipjenti mhijiex responsabbli ghall-ebda danni allegati mis-socjeta` attrici.

“2. Fil-konfront ta’ l-eccipjenti it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u did-dritt, u ghandhom jigu michuda minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici *stante* illi ma kenitx responsabbli ghat-tghabbija tal-merkanzija fil-*container* kif tixhed l-polza tal-kariku bil-kliem *“Shipper’s Load, Stow and Count”*.

“3. *Stante* illi l-*container in kwistjoni* ingarr lejn Alexandria mill-vapur *Ville De Dubai* li tieghu hija agenti u/jew operatrici u/jew armatrici s-socjeta` *Compagnie Maritime D’Affretement Agencies Worldwide* registrata Malta bin-numru OC151, ghandha tigi kjamata fil-kawza l-

istess socjeta` *Compagnie Maritime D'Affretement Agencies Worldwide*.

“4. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri illi jistghu ikunu kompetenti lill-eccipjenti skond il-ligi.

“Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

“Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-8 ta' April, 2002, li bih il-Qorti ordnat korrezzjoni fl-okkju tal-kawza biex l-isem tas-socjeta` *Malta Freeport Corporation Limited* jigi jinqara *Malta Freeport Terminals Limited*;

“Rat li din il-korrezzjoni serviet biex tidderimi l-ewwel eccezzjoni ta' dik l-istess socjeta` konvenuta;

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` *Malta Freeport Terminals Limited* li *in forza* taghha eccepiet illi:

“1. Il-preskrizzjoni ta' sena.

“2. Minghajr pregudizzju ghall-premess, illi s-socjeta` esponenti mhux responsabbli ghall-allegat ghibien tal-merkanzija u ghad-danni konsegwenzjali.

“3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

“Rat id-dikjarazzjoni guramentata relattiva;

“Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

“Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

“Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

“Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

“Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

“Ikkunsidrat;

"Jirrizulta li s-socjeta` *Tiara Co Limited,* li taghha s-Sur Michael Bharwani, huwa l-*managing director*, ried jibghat konsenja ta' *wicker baskets* u *sweaters* lejn l-Egittu. Il-konsenja kienet wahda kbira, tant li kellu jintuza *container* ta' 40 pied. Il-kumpanija *Tiara* inkarigat lis-socjeta` *Medex Container Services Limited* sabiex tiehu hsieb it-trasport lejn l-Egittu. Il-merkanzija tghabbiet go *container* numru *LCRU4495493*, u l-bibien gew issigilata b'sigil numru *89054.* Il-*container* ittiehed il-*Freeport* u fid-9 ta' Frar, 2001, gie registrat li dan il-*container* idahhal bis-sigil indikat u *"full"*.

"Minn hemm il-*container* tghabba fuq il-vapur *m/v "Ville De Dubai"* fi triqtu lejn Alexandria, l-Egittu. It-tghabbija saret fil-15 ta' Frar, 2001; l-agenti tal-vapur hija s-socjeta` *Compagnie Maritime D'Affretement Agencies Worldwide*, inkarigata mis-socjeta` *Medex Container Services Limited* biex tiehu hsieb it-trasport tal-*container* bil-bahar lejn l-Egittu.

"Il-vapur wasal Alexandria fid-19 ta' Frar, 2001, izda r-ricevitur ma hax konsenja tal-merkanzija. Jidher li r-ricevitur ma kellux flus biex ihallas id-dazju kollu dovut (l-awtoritajiet Egizzjani riedu hlas tad-dazju kollu b'dan li f'kaz li merkanzija tigi *re-exported*, kien ikun intitolat ghal-*refund*), u lanqas ma kellu flus biex ihallas ghall-prodotti tal-*container* kollu. L-esportatur lokali ma riedx jirrilaxxja l-merkanzija qabel ma jkollu garanzija ta' hlas. Ir-ricevitur fl-Egittu indika li hu seta' jhallas ghal nofs il-merkanzija, u ghalhekk, il-partijiet qablu li r-ricevitur jiehu konsenja ta' nofs il-merkanzija, u n-nofs l-iehor jintbaghat lura Malta. Is-socjeta` lokali *Tiara Co. Limited* xtaqet li, waqt li l-*container* kien l-Egittu, l-ufficcjali tad-Dwana ta' dak il-post jifthu huma l-*container* u fizikament jiddividu l-kontenut billi jaqsmu l-merkanzija f'zewg *containers* ta' 20pied-il wiehed, b'*container* jinghata lir-ricevitur u l-iehor jintbaghat lura Malta. Hi giet infurmata, *pero*`, li l-ufficcjali tad-Dwana ta' Alexandra ma setghux jaghmlu dan ix-xoghol, u allura s-socjeta` *Tiara Co. Limited* iddecidiet li iggib il-*container* lura Malta u taqsmu fi tnejn hi stess.

"Il-*container*, li suppost kien ghadu ma infetahx, telaq minn Alexandria fit-18 ta' April, 2001, fuq il-vapur *m/v "Karina"* u b'*Bill of Lading* li kien juri sigill numru *89054*, is-sigill li kellu l-*container* meta telaq minn Malta. Il-vapur wasal Malta, fl-25 ta' April, 2001, izda, meta, fis-27 ta' April, is-socjeta` *Tiara* riedet tiftah il-*container* fil-presenza tal-ufficcjali lokali tad-Dwana, instab li l-*container* kellu sigill b'numru differenti, *cioe'*, numru *2964710. Inoltre*, waqt li s-sigill li intuza meta l-vapur telaq minn Malta, kien sigill tad-Dwana ta' Malta, is-sigill li bih wasal lura l-*container Malta* kien tad-ditta *P&O Lines*. Meta l-*container* infetah, instab li kien vojt. *Tiara Co. Limited* kienet inxurjat il-merkanzija mas-socjeta` attrici, li, wara li investigat il-*claim* li saret, halset is-somma ta' Lm40,824.52 *dietro surroga*. Peress li qed jigi allegat li r-responsabbilita` ghat-telf kienet tas-socjeta` inkarigata mit-trasport, is-socjeta` assikuratrici qieghda titlob rifusjoni tad-danni minghand is-socjeta` *Medex Container Services Limited*. Din tal-ahhar, *da parti* taghha, qed titfa t-tort fuq l-agenti tal-vapur imqabbad minnha, u fethet kawza (citazzjoni numru 178/02) kontra l-istess agenti biex tigbor lura d-danni li hi tista' tkun mgieghla thallas lis-socjeta` attrici. Jigi carat li r-rabta kontrattwali ghat-trasport tal-merkanzija kienet biss bejn id-ditta lokali *Tiara Co. Limited* u s-socjeta` *Medex Container Services Limited*. Is-socjeta` esportatrici ma dahlet f'ebda kuntratt mal-agenti tal-vapur li wasslu il-*container* f'Alexandria u m'ghandha ebda relazzjoni guridika maghhom. Is-socjeta` *Compagnie Maritime D'Affretament* giet inkarigata mill-kuntrattur biex tiehu hsieb il-vjagg bil-bahar, *pero*`, *vis-à-vis* is-socjeta` attrici (bhala surrogata fid-drittijiet ta' *Tiara Co. Limited*), ghal kull nuqqas tal-vapur twiegeb il-kumpanija *Medex Container Services* bhala l-unika kumpanija b'rabta kontratwali mas-socjeta` attrici; l-agir ta' terz imqabbad minn debitur ta' obbligazzjoni biex jassistih fl-esekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni ma jekwivalhiex ghal-forza maggura li biss tista' tezonorah: ara "Farrugia vs Attard noe", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), fit-28 ta' April, 1998, u "Sare' vs Ellul et", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-12 ta' Gunju, 1953.

"Is-socjeta` *Medex Container Services Limited* qed tiddefendi ruhha, fl-ewwel lok, billi tesigi prova li fil-*container* kien hemm, fil-fatt, il-merkanzija allegatament nieqsa, u dan peress li fuq il-polza ta' karigu kien hemm il-kliem *"Shipper's load, stow and count"*. Din il-frazi tfisser li l-vapur ma hax responsabbilita' tal-kontenut tal-*container* izda d-dettalji li tnizzlu fuq il-polza ta' karigu tnizzlu fuq informazzjoni li giet fornita mill-esportatur. Jehtieg, ghalhekk, prova li l-*container* tghabba bil-volum ta' merkanzija indikata.

"Fil-polza ta' karigu hemm kondizzjoni, dik bin-numru 9 li tghid li f'kaz li ma jinghatax avviz f'terminu preskritt ta' xi nuqqas, ikun hemm *"prima facie evidence of delivery"*. Din il-klawsola, *pero*`, ma itellifx il-possibilita' lir-ricevitur jipprova li bhala fatt ma kienx hemm konsenja.

"Is-Sur Michael Bharawani, ghas-socjeta` *Tiara Co. Limited*, ikkonferma li l-*container in kwistjoni* tghabba b'merkanzija tal-kumpanija. Hu spjega li l-*wicker baskets* jigu impurtati vojta, u wara, l-kumpanija, timlihom b'mod li jkunu jistghu jservu ta' dekorazzjoni; is-*sweaters* kienu gew impurtati. Huwa esebixxa l-*invoices* li nhargu meta l-kumpanija kienet xtrat il-prodotti qabel ma rrangathom. L-ufficcjal tad-Dwana, *Louis Fava*, ikkonferma li wara li l-*container* gie mghobbi, dan inghalaq u hu issiggillah bis-sigill numru *89054*; dan hu ghamlu fil-*warehouse* tal-kumpanija li kienet se tesporta l-affarijiet. Ghalkemm dan l-ufficcjal ma jghidx jekk hu rax il-*container* miftuh qabel ma issigillah, hemm il-prova tal-*Freeport Terminal* li meta l-*container* wasal biex jidhol, kellu l-istess sigill tad-Dwana u kien mimli. Dan jirrizulta mill-*Gate Pass In* mahruga mill-*Freeport Terminal* li tindika li c-*container* dahal bis-sigill numru *L89054* u kien *"full"*. Ghalhekk, jirrizulta pruvat li sakemm telaq mill-*warehouse* tal-kumpanija *Tiara Co. Limited* sa ma wasal il-*Freeport,* is-sigill tieghu ma giex minsus u l-*container* kien mimli. La darba il-*container* wasal mimli fil-*Freeport*, irid issa jigi investigat jekk is-serqa setghetx saret fil-jumejn li l-*container* dam taht il-kustodja tal-*Freeport*. Ma jidhirx, fil-fehma tal-Qorti, li l-incident sehh fil-jumejn li l-*container* dam gewwa l-*Freeport*. Il-*container* kien stockjat fuq *containers* ohra,

f'posizzjoni fejn kien difficili li jitmiss. Hu kien tpogga f'posizzjoni li jghidulu *"Bravo"*, posizzjoni li hu deskritt bhala *"position which is very unlikely to be tempered with"*. *Inoltre,* il-*container* ma ccaqlaqx qabel ma ittiehed biex jighabba fuq il-vapur, u meta tghabba, ghalkemm in-numru tas-sigill ma kienx gie iccekkjat, fil-fatt kellu sigill u ma kienx imkisser. Il-Qorti, ghalhekk, thoss li ghandha tezonera lill-kumpanija *Malta Freeport Terminals Limited* minn kull responsabilita'.

"Waqt li l-*container* kien fuq il-vapur ma jirrizultax lanqas li l-container seta' gie mghabbas. Hu gie stockjat fuq *containers ohra "two tiers high"*, u kien kwazi impossibbli li l-*container* seta' tnaddaf mill-kontenut tieghu waqt li kien fuq il-vapur. Is-socjeta` *Medex Container Services Limited* tallega li skond informazzjoni li ghadditilha l-agenti taghha fl-Alexandria, meta l-*container* tnizzel minn fuq il-vapur, hu digia kellu sigill differenti minn dak registrat fuq il-*Bill of Lading*. Din il-prova, *pero`*, ma saretx bil-mod li trid il-ligi, u *inoltre* tqies illi, li kieku kien hekk, l-agent f'Alexandria kien zgur jinforma b'dan lill-principal tieghu hawn Malta, izda din l-informazzjoni giet moghtija lill-*Medex Container Services Limited* biss wara li l-*container* wasal lura Malta, u meta bdew isiru l-investigazzjonijiet.

"Il-Qorti tqis li l-*container* wasal intatt gewwa l-Egittu; dan ma jfissirx li l-vapur hu ezonerat minn kull responsabbilita', kif se jintwera aktar 'l quddiem.

"Meta l-*container* tnizzel l-art gewwa l-Egittu, dan tpogga f'*general storage area* sakemm jingabar mir-ricevitur li kien gie avvzat bil-wasla tal-merkazija. Ir-ricevitur kellu jirranga ghar-*release* tal-merkanzija mal-ufficcjali tad-Dwana f'Alexandria u jiehu konsenja tal-*container*. Minhabba l-problemi li gew spjegati aktar qabel, il-*container* dam kwazi xahrejn gewwa l-*general depot* sakemm gie deciz se jsir minnu. Meta gie deciz li l-*container* jingieb lura Malta, il-*container* iccaqlaq minn fejn kien storjat halli tkun tista' issir it-tghabbija tieghu fuq vapur li kien sejjer Malta. Meta saret din l-operazzjoni, gie skopert li l-*container* kellu sigill differenti. L-agenti ta' *Medex Container Services Limited* gewwa l-Egittu

infurmaw lill-principal taghhom hawn Malta b'dan il-fatt, izda l-agenti inghataw istruzzjoni biex jibghatu l-*container* kif inhu. Fil-fatt hekk gara. Peress li l-kaz kien ta' *return cargo*, ma kienx mehtieg li jinhargu *Bills of Lading*, izda inharget biss kopja ta' *Bill of Lading,* bla firma, ghall-skopijiet dagonali tal-Egittu. Dan id-dokument intelgha mill-agenti ta' *Medex Container Services Limited* gewwa l-Egittu, u biex jigu evitati problemi, tnizzel in-numru tas-sigill li l-*container* kellu meta dahal fil-port ta' Alexandria, u mhux in-numru tas-sigill li fil-fatt kellu.

"Kif inghad, il-*container* ingib lura Malta, u meta dahal fil-*Freeport* gie registrat bil-sigill il-gdid. Dak is-sigill infetah fil-presenza tal-ufficcjali tad-Dwana lokali, u, kif inghad, instab li l-*container* kien vojt. *Nonostante* l-presunzjoni li tinsab fil-klawsola 9 tal-*Bill of Lading,* il-Qorti jidhrilha li saret il-prova kuntrarja, u *cioe'*, li ma saretx konsenja tal-oggetti indikati fil-polza.

"Fid-dawl ta' dawn il-fatti, il-Qorti hi propensa tikkonkludi li s-serqa mill-*container* sehh f'xi zmien f'dawk ix-xahrejn li thalla fid-*depot generali* ta' Alexandria sekemm gie deciz li jingieb lura Malta. Biex ingieb lura Malta, sar ftehim gdid mas-socjeta` *Medex Containers Services Limited*, u dan wara li s-socjeta` tas-Sur Bharwani accettat li thallas l-ispejjez kollha mehtiega ghal wasla tal-*container* mill-Egittu lura ghall-Malta.

"Is-socjeta` konvenuta *Medex Container Services* u l-agenti tal-vapur jallegaw li huma mhix responsabbli ghal dak li seta' gara fl-Egittu f'dawk ix-xahrejn (bejn il-hatt tal-*container* fuq il-moll u t-tehid lura tal-*container* mid-*depot* biex jingieb lura Malta), u dana peress li il-*Bill of Lading* inharget bil-kondizzjoni *"Alexandria Free Out"*, li tfisser li darba li l-*container* jitnizzel ghal fuq il-moll, l-ispejjez kollha minn hemm 'l quddiem ikunu kollha *a karigu* tar-ricevitur. Fuq l-istess *Bill of Lading* hemm, *pero`*, kondizzjoni ohra li tghid li *"goods to be released to Mr. Mustasa Gihani"* li kellu jkun ir-ricevitur. Il-fatt li l-hlasijiet konnessi mal-hatt tal-merkanzija jkunu *a karigu* tar-ricevitur, ma jfissirx li l-vapur huwa mehlus milli jaghti konsenja tal-merkanzija lill-*consignee*. Kif jinghad fil-ktieb

*"Chorley & Giles' Shipping Law"*, (Gaskell, Debattista and Swatton, 8th Edit. pagna 304), darba li l-vapur jasal fil-port tad-distinazzjoni tieghu, *"there the carrier must discharge the goods from the ship and deliver them to the consignee".* Fil-fatt l-istess awturi josservaw li peress li l-vapur ikun irid jehles mir-responsabbilita' ghall-merkanzija malajr kemm jista' jkun, fil-*Bill of Lading* gieli jintroducu klawsola, maghrufa bhala *London Clause*, fis-sens li *"The ship owner shall be entitled to land these goods on the quays of the dock where the steamer discharges immediately on her arrival, and upon the goods being so landed the shipowner's liability shall cease"*. Fil-kaz *in ezami*, ma tirrizultax klawsola f'sens hekk *generali*. Il-kundizzjoni 23.3 tal-*Bill of Lading* tipprovdi biss li l-merkanzija tista' titpogga f'*store* minghajr responsabilita' ghal vapur, f'kaz biss li r-ricevitur *"fails to take delivery of the goods or part of them in accordance with the Bill of Lading"*. F'dan il-kaz mhux biss fil-polza ma hemmx kif u meta kellha ssir il-konsenja, izda l-vapur pogga l-*container* fid-*depot* tal-port hekk kif nizzel l-istess ghal fuq l-art. Barra minn dan, skond it-termini specjali inkorporati fil-*Bill of Lading*, gie indikat lil minn kellha ssir il-konsenja (mhux lill-*consignee* jew lil minn jipprezenta il-*Bill of Lading* lill-kaptan tal-vapur), u *kwindi* l-vapur kellu oneru li jara li l-konsenja ssehh kif intrabat.

"L-awtur John F. Wilson, fil-ktieb *"Carriage of Goods by Sea"* (Longman 4th Edit 2001), ikompli jispjega hekk fuq il-materja (pagna 84):

"*The shipowner is under a contractual obligation to deliver the cargo to a specified, or identifiable, person. Normally the requirement is to deliver to the consignee named in the bill of lading or to any person to whom the consignee has validly endorsed the bill. In the event of no bill having been issued, the consignee will normally have been designated either in the charterparty itself or in a non-negotiable receipt.*

"*(I) FAILURE OF CONSIGNEE TO ACCEPT DELIVERY*

"*The first problem confronting the shipowner on arrival at the port of discharge may be the absence of any consignee ready to receive the cargo. As the shipowner is under a duty to make personal delivery of the cargo, he cannot discharge that obligation at common law merely by unloading the goods and leaving them on the dockside. In such a situation he is required to allow the consignee a reasonable time in which to collect the cargo, after which he may land and warehouse it at the consignee's expense. Even so, it is doubtful whether the shipowner can divest himself of his strict liability as a carrier merely by warehousing the goods although to counterbalance any such potential liability he will retain the protection of the carriage exceptions*".

"Il-Qorti tara li l-vapur ghandu obbligu li jaghti konsenja lill-persuna indikata, u f'kaz li dan ma jersaqx jista' jipprocedi ghad-depozitu taghha f'mahzen, minghajr, b'daqshekk, ma jehles mir-responsabilitajiet tieghu taht il-ligi (ara "Borg vs Mifsud noe", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-27 ta' Novembru, 1961). Biex jehles minn tali responsabilita' partikolari, irid jeskludiha b'mod car b'klawsola fil-polza, izda, f'dan il-kaz, kif inghad, il-klawsola ta' ezoneru inkorporata (kundizzjoni 23.3) timplika ftehim dwar kif u meta kellha ssir il-konsenja, ftehim li, *pero*`, ma tirrizultax mill-polza. Il-klawsoli ta' ezoneru ghandhom ikollhom interpretazzjoni restrittiva, u kondizzjoni marbuta mal-istess klawsola ta' ezonera m'ghandhiex tigi injorata jew ma tinghatax effett.

"*Inoltre*, jidher li meta l-*container* tpogga fil-*general depot*, dan tpogga hemm minn u *a spejjez* ta' *Medex Container Services Limited* u / jew tal-agenti tal-vapur, tant li meta s-socjeta` *Tiara Co. Limited* riedet iggib il-*container* lura, kellha tirrifondi l-hlasijiet li l-agent ta' *Medex Container Services Limited* kellu jhallas ghall-*istorage* tal-*container*. F'ebda mument, *pero*`, il-kumpanija *Medex Container Services Limited*, ma ddikjarat li d-depozitu kien qed isir biex hi tezimi ruhha minn kull responsabbilita'; id-depozitu sar fuq responsabbilita' tal-kaptan tal-vapur, u *kwindi* ghandha twiegeb ghal kull nuqqas (telf totali) li sehh waqt li l-merkanzija kienet ghada taht il-kustodja taghha.

"Interessanti hija d-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Arrigo noe vs Caruana noe", deciza fit-8 ta' Ottubru, 1956, fejn gie osservat illi:

"*Jekk skond il-polza tal-karigku l-merkanzija ghandha tigi konsenjata lid-destinatarju "from the ship's deck", imma l-kaptan ikollu l-fakolta' li jaghzel li jikkonsenja l-merkanzija fuq il-bankina, u fil-fatt huwa, permezz tal-agent tal-vapur, jaghmel uzu minn dik il-fakolta' u jaghzel li jikkonsenja l-merkanzija fuq il-bankina, ir-responsabbilita' tal-vapur ma tispiccax mal-iskarikazzjoni tal-merkanzija "at the ship's side", imma tibqa' sal-mument tal-konsenja lir-ricevitur: b'mod li, jekk f'dak il-mument jirrizulta xi nuqqas fil-merkanzija, il-vapur jibqa' responsabbli ghal dak in-nuqqas.*

"*Ma hix raguni ta' ezoneru tal-vapur minn dina r-responsabbilita' c-cirkustanza li minn mindu l-merkanzija thalli l-vapur tkun f'idejn l-agent; ghax l-agent hu l-mandatarju tal-vapur*."

"Din il-gurisprudenza tikkonferma r-responsabbilita' tal-vapur ghan-nuqqas *in kwistjoni*.

"Il-kumpanija *Medex Container Services Limited* tghid li, skond klawsola 6.3 tal-*Bill of Lading*, hi ma tista qatt tkun responsabbli li thallas, bhala danni, aktar minn *US$1* ghal kull kilo tal-piz gross tal-merkanzija. Ghalkemm din il-limitazzjoni ma gietx sollevata formalment bhala eccezzjoni, jibqa' l-fatt li dik il-klawsola tifforma parti mill-kuntratt ta' bejn il-partijiet, liema kuntratt ghandu jinghata effett fl-interezza tighu. Polza ta' karigu hi jew il-kuntratt jew il-prova tal-kuntratt bejn il-partijiet, u t-termini taghha jorbtu lill-partijiet kontraenti. L-agenti tal-vapur, formalment invokaw din il-limitazzjoni. Ghalkemm klawsoli li jezoneraw lid-debitur ta' obbligazzjoni minn kull responsabilita', tkun xi tkun ic-cirkustanza, jigu skartati mill-Qrati ghax jitqiesu li jmorru kontra l-ordni pubbliku, u ma jistghu qatt ikunu leciti sal-punt li bihom ikun hemm dak li tissejjah *"assicurazione delle colpe proprie"*, ma hux projbit mill-ligi li wiehed jipprovdi minn qabel billi jilimita' id-

danni li ghalihom jista' jkun responsabbli. (ara "Mizzi noe vs Sorotos noe", deciza minn din il-Qorti fit-12 ta' Frar, 2004). Skond id-dokumenti esebiti, jidher li l-*gross weight* tal-merkanzija kien ta' 3890 kilos (ara dokument *a fol.* 54 tal-process), u allura l-ammont ta' danni hu ta' *US$3890* (ekwivalenti ghal Lm1396). Ma giex muri li d-ditta lokali irceviet xi hlas jew kumpens iehor ghat-telf li garbet. *Oltre* dan iridu jithallsu wkoll Lm2000 bhala spejjez ta' *surveys* relattivi. (Ara "Micallef Stafrace noe vs Abela noe" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-15 ta' Mejju, 1998).

"Is-socjeta` *Malta Freeport Terminals Limited* eccepiet ukoll il-preskrizzjoni ta' sena, izda peress li din is-socjeta` mhix se tinstab responsabbli ghan-nuqqasijiet mhux mehtieg li l-Qorti tindaga ulterjarment fuq din il-materja. Jista' jizdied, *pero*`, li, f'kull kaz, il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' dik l-eccezzjoni, peress li ma giex indikat l-artikolu tal-ligi li fuqha dik is-socjeta` qed tibbaza l-eccezzjoni. *Inoltre*, jekk qed issir riferenza ghall-preskrizzjoni ta' sena stabbilita fl-artikolu 544(e) tal-Kap. 13, dik il-preskrizzjoni mhux applikabbli peress li s-socjeta` *Malta Freeport Terminals Limited* mhux trasportatur tal-merci, huma biss depozitarja u *kwindi* japplikaw fil-konfront taghha regoli differenti (ara "Micallef Stafrace noe vs Ripard et noe", deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 2003).

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-kawza billi, fl-ewwel lok, tichad l-ewwel eccezzjoni, izda tilqa' it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` *Malta Freeport Terminals Limited*, u tichad it-talbiet attrici fil-konfront ta' din is-socjeta`; fit-tieni lok, tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` *Medex Containers Services Limited* u wara li tilqa' *in parte* it-talbiet attrici, tiddikjara li, fil-konfront tas-socjeta` attrici, is-socjeta` *Medex Containers Services Limited* hija unikament responsabbli ghan-nuqqas fil-merkanzija *in kwistjoni*, u tikkundanna lil din l-istess socjeta` sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm3,396 (tlett elef, tlett mija, u sitta u disghin liri Maltin) *in linea* ta' danni, bl-imghax legali mill-4 ta' Settembru, 2001 sal-pagament effettiv.

"L-ispejjez kollha tal-kawza, fic-cirkustanzi, jithallsu kwantu ghall-kwart (1/4) mis-socjeta` attrici, u tlett kwarti (3/4) mis-socjeta` *Medex Container Services Limited*.

**<u>II . L-APPELL</u>**

2. Is-socjeta` attrici nomine appellat minn din is-sentenza b'rikors pprezentat minnha fil-21 ta' April 2006. In sintesi s-socjeta` attrici hassitha aggravata mid-decisjoni ta' l-ewwel Qorti ghaliex din applikat il-klawsola tal-ezoneru, maghrufa wkoll bhala "package limitation". Argumentat illi peress ili meta s-socjeta` Medex Container Services Limited talbet lil Qorti sabiex izzid eccezzjoni ulterjuri ma' dawk li kienet tat qabel, l-ewwel Qorti cahdet din it-talba. Madanakollu, fid-decisjoni taghha dwar id-danni, l-istess Qorti applikat minn rajha din il-klawsola tal-ezoneru. Is-socjeta` appellanti tghid ukoll illi fi kwalunkwe kaz, din il-klawsola ma tiskattax f'dan il-kaz ghaliex il-htija tal-Medex Container Services Limited kienet wahda ta' natura grossolana.

3. Wara li s-socjeta` appellanti spjegat dan kollu dettaljament, hija talbet li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, fis-sens illi filwaqt illi tikkonferma illi s-socjeta` Medex Container Services Limited hija unikament responsabbli ghan-nuqqas fil-merkanzija in kwistjoni, tiddikjara illi l-ammont pagabbli minn Medex Container Services Limited lis-socjeta` attrici in linea ta' danni jammonta ghal Lm40,824.52 jew kwalsiasi somma ohra verjuri li din il-Qorti jidhrilha opportun, bl-imghax legali mill-4 ta' Settembru 2001 sal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi.

4. Is-socjeta` appellata kkontestat l-appell b'risposta pprezentata fid-26 ta' Mejju 2006. Hemmhekk gie spjegat ghaliex, fil-fehma taghha, l-appell intavolat mis-socjeta` Atlas Insurance Agency ghandu jigi respint.

5. Inoltre s-socjeta` appellata intavolat ukoll appell incidentali fejn ikkontestat ir-responsabbilita` ghan-nuqqas tal-merkanzija in kwistjoni. Is-socjeta` Medex Container Services Limited, f'dan l-appell incidentali, resqet tliet aggravji fejn spjegat illi l-frazi "Alexandria Free Out"

migjuba fil-polza ta’ karigu tezoneraha minn kull responsabbilita`; li hija m’ghandhiex tigi misjuba responsabbli oltre l-polza tal-karigu u li hi m’ghandhiex tigi misjuba responsabbli ghad-danni li jesorbitaw dawk li soffriet Tiara Co. Limited.

6. Is-socjeta` appellata talbet lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u tilqa’ l-eccezzjonijiet taghha billi tilliberaha minn kull responsabbilita` ghan-nuqqas fil-merkanzija in kwistjoni, bl-ispejjez taz-zewg istanzi a kariku tas-socjeta` attrici appellanti.

## <u>III. KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI</u>

7. Il-fatti essenzjali li taw lok ghal din il-kawza huma tajjeb imfissra fis-sentenza appellata. Bizzejjed jinghad hawn li s-socjeta` Tiara Company Limited baghtet container ta’ 40 pied b’merkanzija ta’ wicker baskets u sweaters lejn Lixandra fejn hemmhekk kellu jiehu l-konsenja tieghu certu Gihani Mustasa. Inkarigata minn dan it-trasport kienet is-socjeta` Medex Container Services Limited. Il-merkanzija tghabbiet go container numru LCRU4495493 b’sigill numru 89054 u din twaslet fuq il-vapur M/V “Ville De Dubai” f’Lixandra fil-15 ta’ Frar 2001. Gara li meta dan Gihani Mustasa mar biex jiehu l-konsenja ta’ din il-merkanzija, ma kellux flus bizzejjed biex ihallas id-dazju provvizorju mitlub mid-dwana ta’ Lixandra. Dan ried li jiehu biss nofs il-kunsinna izda dan it-taqsim ma setghax isir hemmhekk. Ghalhekk, Tiara Company Limited iddeciediet li ggib il-container lura u taqsmu f’zewg containers ta’ 20 pied il-wiehed hawn Malta. Il-container telaq minn Lixandra fit-18 ta’ April 2001 fuq il-vapur M/V Karina, wara li dam ftit aktar minn xahrejn fil-*general depot* ta’ Lixandra. Il-polza tal-bank ta’ dan il-vjagg baqghet turi sigill numru 89054 izda meta dan il-container tnizzel Malta fil-25 ta’ April 2001 u nfetah jumejn wara, instab illi kien vojt. Is-sigill ta’ dan il-container kien 2964710 u cioe` ma kellux l-istess sigill li telaq bih minn hawn Malta u kif indikat fil-polza tal-karigu. Dan is-sigill ma jappartjenix lis-socjeta` Medex Containers Services

Limited imqabbda minn Tiara biex tirritorna l-merkanzija f'Malta, izda huwa ta' kumpanija ohra.

8. Qabel ma din il-Qorti tipprocedi oltre, sejra tikkonsidra l-kwistjoni dwar liema polza hija applikabbli fil-kaz odjern. Is-socjeta` apellanti tallega illi ghall-vjagg lura bejn l-Egittu u Malta kienet saret polza ta' karigu ohra. Hija tissottometti illi l-ewwel Qorti ma setghetx tiddeciedi li l-polza ta' karigu veljanti kienet dik dwar l-ewwel vjagg. Is-socjeta` appellanti ssostni illi r-rapprezentant tal-Medex Container Services Limited qal illi t-tieni polza ta' karigu kienet "formalita` interna" u infatti l-anqas biss kienet inghatat kopja taghha lill-assigurat tas-socjeta` attrici, b'dan illi zgur li ma kien hemm ebda kondizzjonijiet ta' limitazzjoni dwar it-tieni vjagg, peress illi kif qal l-istess rapprezentant tal-kumpanija Medex, tali dokument kien biss formalita` interna bejnhom u l-agent taghhom. Is-socjeta` appellanti targumenta li allura la darba il-kumpanija Medex ma ppruvatx kif trid il-ligi meta sehh in-nuqqas, wiehed ma jistax jikkonkludi li dan sehh qabel ma tghabba ghall-vjagg lura lejn Malta.

9. Fic-"Charlesworth Mercantile Law"[1] jinghad li l-kuntratt ta' trasport "is normally concluded before the carrier issues the bill of lading. The contract is made when the goods are accepted by agents of the carrier for loading or even earlier, when shipping space is reserved". Ghalhekk fil-kaz odjern, meta id-direttur ta' Tiara Company Limited ta inkarigu lil Medex Containers Services Limited sabiex igibu l-merkanzija lura Malta, hemmhekk gie konkluz il-kuntratt ta' garr. Dan fil-fatt sar meta fil-5 ta' April 2001 (a fol. 219 tal-process) Michael Bharwani, direttur ta' Tiara Co. Limited, ikkomunika permezz ta' e.mail ma' Gerald Vella, impjegat mal-Medex Container Services Limited, fejn ikkonfermalu hekk:
"…we would like to have container in question returned asap."

10. Mill-provi prodotti ma jirrizultax illi kien hemm xi varjazzjoni fil-ftehim ghall-garr tal-merkanzija minn

[1] Schmitthoff & Sarre, "Charlesworth Mercantile Law", 14th ed.,. p. 575.

Lixandra lejn Malta, tant illi nharget l-istess polza ta' karigu ( a fol. 54 tal-process). Din il-Qorti hija propensa li tqis illi l-kundizzjonijiet fil-polza ta' karigu mahruga ghall-garr bejn Malta u l-Egittu baqghu l-istess kif kienu ghall-garr ta' l-istess merkanzija li kellha tingieb lura Malta mill-Egittu u li din kienet l-intenzjoni kemm tal-Medex Container Services Limited kif ukoll ta' Tiara Co Limited.

11. Illi ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti dana l-aspett ta' l-ilment tas-socjeta` attrici ma jistax jintlaqa'.

12. Din il-Qorti sejra issa tinvesti l-kwistjoni fejn is-socjeta` appellanti ssostni illi s-serqa tal-merkanzija fil-container ma gietx ippruvata kif trid il-ligi. Is-socjeta` appellanti ma taqbilx ma' l-ewwel Qorti in kwantu rriteniet illi s-serqa sehhet qabel ma beda t-tieni tragitt lura Malta, ghaliex hija targumenta li l-ewwel Qorti stess iddikjarat illi ma saret ebda prova kif trid il-ligi f'dan ir-rigward. Is-socjeta` appellanti targumenta li nonostante din id-dikjarazzjoni, l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi s-sigill 89054 kien tnehha qabel ma tghabba ghat-tieni vjagg. Is-socjeta` appellanti tghid li ma saritx prova ta' dan u li tali verzjoni mhix kredibbli stante illi kieku kien hekk (a) zgur li dan il-fatt serju tat-tibdil tas-sigill ma kienx jirrizulta biss wara li l-container infetah hawn Malta u kienu bdew l-investigazzjonijiet, u li (b) s-socjeta` Medex u l-agent taghha zgur ma kienux ser jaghmlu dikjarazzjoni falza fuq il-polza ta' karigu dwar il-vjagg lura Malta. Is-socjeta` appellanti tghid ukoll illi zgur li tad-Dwana ta' Lixandra u l-anqas il-kaptan tal-vapur relattiv ma kienu ser jippermettu illi jitghabba container b'sigill differenti minn dak indikat fil-polza ta' karigu relattiv.

13. L-ewwel Qorti, fis-sentenza taghha tghid hekk:
"*Is-socjeta` Medex Container Services Limited tallega li skond informazzjoni li ghadditilha l-agenti taghha fl-Lixandra, meta l-container tnizzel minn fuq il-vapur, hu diga kellu sigill differenti minn dak registrat fuq il-Bill of Lading. Din il-prova, pero`, ma saritx bil-mod li trid il-ligi, u inoltre tqies illi, li kieku kien hekk, l-agent f'Lixandra kien zgur jinforma b'dan lill-principal tieghu hawn Malta, izda din l-informazzjoni giet moghtija lill-Medex Container*

*Services Limited biss wara li l-container wasal lura Malta, u meta bdew isiru l-investigazzjonijiet*."

14. Il-prova li l-ewwel Qorti qeghda taghmel referenza ghaliha hija l-allegazzjoni ta' l-agenti tal-Medex Containers Services illi meta l-container wasal f'Lixandra, is-sigill kien diga' mibdul u mhux kif qed tghid is-socjeta` appellanti li s-serqa tal-merkanzija fil-container ma gietx ippruvata kif trid il-ligi.

15. Din il-Qorti ma tahsibx illi l-ewwel Qorti kienet korretta meta rriteniet illi l-Medex Container Services Limited inghataw l-informazzjoni li s-sigill fuq il-container ma kienx l-istess bhal dak li kien zbarka bih minn Malta. Dan ghaliex mill-provi prodotti jidher illi l-Medex Container Services Limited gew infurmati mill-agent taghhom f'Lixandra illi s-sigill ma kellux l-istess numru li kien wasal gewwa Lixandra bih. Fil-fatt minn korrispondenza (ara Dok. GV 4 a fol. 261) bejn is-socjeta` appellata Medex u Norasia Limited, li kienet l-agent ta' din is-socjeta` gewwa Lixandra, jirrizulta li fis-17 ta' April 2001, certu Hanan, ghal Norasia Limited informa lil Gerald Vella:
"[F]or our shipment, pls note tt we found tt the seal nbr in nature is 2964710 i/o 89054 as mention in manfst & b/l".

Mix-xhieda ta' Gerald Vella (ara fol. 248) jirrizulta li d-diskrepanza fis-sigill giet notata mill-agent imsemmi fl-istess gurnata meta l-container kien sejjer jitghabba fuq l-M/V Karina fis-17 ta' April 2001 u l-istess agent gharraf lix-xhud b'din id-diskrepanza dak in-nhar stess. Ghalhekk il-Medex Container Services Limited fil-fatt kienu gew infurmati b'din id-diskrepanza qabel ma nbdiet hawn Malta l-investigazzjoni mqabbda mill-Atlas Insurance Agency.

16. Din il-Qorti ma taqbilx mat-tezi tas-socjeta` appellanti li s-serqa ma gietx ippruvata li saret gewwa l-Egittu. Kif irriteniet l-ewwel Qorti, wara ezami dettaljat tal-fatti hekk kif pprezentati f'din il-kawza, il-container, meta dahal fil-Freeport ta' Malta, ghamel jumejn qabel ma gie mghobbi fuq il-vapur u f'dawn il-jumejn gie stackjat fil-posizzjoni 'bravo', posizzjoni li taghmilha difficli illi l-container jinfetah u l-merkanzija ta' gewwa tigi misruqa.

Din il-Qorti ghalhekk taqbel ma l-ewwel Qorti li l-Malta Freeport ma kkontribwixxitx ghas-serqa tal-merkanzija mill-container. Din il-Qorti taqbel ukoll ma l-ewwel Qorti illi meta l-container kien qieghed fuq il-vapur, dan ma giex imbaghbas u dan ghaliex kien mpoggi ‘two tiers high’ u allura kien tista’ tghid fizikament impossibli li l-container seta’ jintlahaq u jigi zvojtat f’din il-posizzjoni. Ghaldaqstant, fuq bilanc ta’ probabbilitajiet, jirrizulta li l-container wasal intatt gewwa Lixandra fl-Egittu. Jirrizulta allura ppruvat sufficjentement illi matul it-tragitt minn Malta sa l-Egittu l-container kien ghadu mimli. Allura wiehed jifhem illi s-serqa tal-kontenut tieghu saret Lixandra, wara li l-container tnizzel minn fuq il-vapur u tpogga fl-Old Port ta’ Lixandra taht idejn l-Awtoritajiet tal-Port Egizzjan. Irrizulta li l-container thalla fl-i*storage depot* ta’ hemmhekk ghal cirka xahrejn shah u ghalhekk il-kontenut tieghu insteraq jew hemmhekk stess jew is-serqa setghet saret ukoll meta l-container gie trasferit ghal terminal iehor f’Lixandra stess minn fejn eventwalment tghabba fuq il-vapur M/V Karina.

17. Din il-Qorti sejra issa tghaddi biex tikkunsidra l-kwistjoni tar-responsabbilita` o meno tas-socjeta` Medex ghad-danni konsegwenzjali ghall-imsemmija serqa. Kif diga` intqal, l-ewwel Qorti sabet lis-socjeta` Medex unikament responsabbli ghan-nuqqas tal-merkanzija in kwistjoni.

18. Fl-appell incidentali taghha, din is-socjeta` appellata targumenta illi hija ma kienitx responsabbli ghall-merkanzija meta din giet skarikata fil-port ta’ Lixandra ghaliex l-istess merkanzija tqieghdet fil-pussess u l-kontroll tal-awtorita` portwali Egizzjana t’hemmhekk.

19. L-ewwel Qorti rriteniet illi r-responsabbilita` ghall-merkanzija mitlufa kienet tinkombi fuq is-socjeta` appellata ghaliex il-polza tal-karigu ma kellhiex klawsola li teskludi r-responsabbilita` b’mod car. L-ewwel Qorti rriteniet illi l-polza tal-karigu in kwistjoni ma kellhiex klawsola generali ta’ ezoneru bhal dik maghrufa bhala *London Clause*. L-ewwel Qorti irriferiet ghall-Kundizzjoni 23.3 fil-polza li tghid hekk:

"*If the merchant fails to take delivery of the Goods or part of them in accordance with this Bill of Lading, the Carrier may without notice unstow the goods or that part thereof and/or store the Goods or that part thereof ashore, afloat, in the open or under cover. Such storage shall constitute due delivery hereunder and thereupon all liability whatsoever of the Carrier in respect of the Goods or that part thereof shall cease*"

Fl-istess polza gie mfisser li "Merchant " ifisser "the Shipper, Holder, Consignee, the receiver of Goods".

20. L-ewwel Qorti rriteniet illi din il-klawsola tipprovdi biss li l-merkanzija tista' titpogga f'mahzen mill-vapur minghajr responsabbilita` ghall-vapur f'kaz biss li r-ricevitur "fails to take delivery of the goods or part of them in accordance with the Bill of Lading". L-ewwel Qorti enfasizzat illi f'dan il-kaz fil-polza ma hemmx kif u meta kellha ssir il-konsenja, izda l-vapur pogga l-container fid-depot tal-port hekk kif nizzel l-istess ghal fuq l-art. L-ewwel Qorti tkompli tghid li fil-polza gie indikat lil min kellha tigi kkonsenjata l-merkanzija u li allura l-vapur kellu l-obbligu li jikkonsenjaha kif intrabat.

21. Din il-Qorti bir-rispett kollu dovut ma tistax taqbel ma dan ir-ragunament ta' l-ewwel Qorti li jipprezumi li fil-polza, ikun hemm "kif u meta kellha ssir il-konsenja". Hija haga naturali li galadarba l-merkanzija tghabbiet fuq vapur u nharget polza ta' karigu bl-informazzjoni tad-destinazzjoni u tar-ricevitur, allura hemm l-informazzjoni kollha mehtiega sabiex issir il-konsenja. Il-merkanzija in kwistjoni waslet fid-destinazzjoni taghha skond il-polza, u r-ricevitur indikat fuq il-polza gie informat bil-wasla tal-vapur u allura dan sar jaf li wasslet, izda dan ir-ricevitur ma setghax jirceviha ghax oggezzjona li jhallas id-dazzju li talbuh ihallas l-awtoritajiet Egizzjani u anke ghaliex ma kellux flus bizzejjed biex ihallas ghall-merkanzija kollha kontenuta fil-container. Min-naha l-ohra l-esportatur lokali (cioe` Tiara Company Limited) ma rieditx tirrilaxxja l-merkanzija qabel ma jkollha garanzija tal-hlas. Fi kliem iehor dan kien kaz klassiku fejn ir-ricevitur naqas li

jaccetta l-konsenja tal-merkanzija minghand it-trasportatur.

22. F'dawn ic-cirkostanzi evidentement skattat il-kundizzjoni 23.3 fil-polza ta' karigu fuq kwotata. B'din il-klawzola gie pattwit illi jekk kemm-il darba r-ricevitur ma jigborx il-merkanzija, il-vapur jew il-carrier, f'dan il-kaz il-Medex Container Services Limited, imqabbda biex twassal il-merkanzija, setghet tiddepositaha f'post ta' depositu mahsub ghal dan il-ghan u b'hekk hija tehles mir-responsabbilita` ghall-istess merkanzija. F'dan il-kaz, ir-ricevitur f'Lixandra, Mustasa Gihani, ma hax il-konsenja ghal ragunijiet li ssemmew izjed 'l fuq. Fl-isfond ta' dan il-fatt Medex ma kellhiex triq ohra hlief li tiddeposita din il-merkanzija gewwa storage depot taht l-awtoritajiet tal-port gewwa Lixandra, kif fil-fatt ghamlet. Minn dak il-mument il-merkanzija ghaddiet taht ir-responsabbilita` ta' dawn l-awtoritatjiet li wiehed josserva li ma gewx imharrka f'din il-kwaza.

23. Ma jistax jinghad illi s-socjeta` Medex Container Services Limited m'ghamlitx id-dover taghha ghaliex hi ma kellhiex kontroll fuq is-sitwazzjoni fejn ir-ricevitur irrifjuta li jircevi l-merkanzija. Meta sabet ruhha f'din is-sitwazzjoni, Medex Container Services Limited, kif kellha dritt li taghmel skond il-polza, poggiet il-merkanzija taht il-kontroll tal-awtorita` tal-port f'Lixandra.

24. L-operat ta' Medex ma kienx rizultat ta' negligenza grossolana, kif allegat is-socjeta` attrici. Anzi din il-Qorti hija tal-fehma illi s-socjeta` Medex Container Services Limited agixxiet b'bona fede u bhala *bonus paterfamilias*. Il-mekanzija ma gietx skarikata fuq xi moll li ghalih kellu access kulhadd. Il-merkanzija giet depositata fi *storage depot* appozitu taht il-kontroll tal-awtoritajiet portwali ta' Lixandra, u b'hekk (Medex) kif kellha dritt li taghmel fic-cirkostanzi, helset mir-responsabbilita` tal-istess merkanzija. Ovvjament din ir-responsabbilta` ghaddiet fuq dawk l-awtoritajiet portwali li rcevew il-hlas tas-servizz li pprestaw. Billi din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, hija sodisfatta li telfien tal-merkanzija sehh meta din kienet Lixandra fil-pussess u taht il-kontroll tal-imsemmija

awtoritajiet portwali, evidentement is-socjeta` konvenuta Medex Container Services Limited m'ghandha l-ebda responsabbilita` ghat-telfien tal-merkanzija.

25. Ladarba din il-Qorti waslet ghall din il-konkluzjoni ma hemm l-ebda htiega li tinvestiga l-aggravi tas-socjeta` appellanti rigwardanti l-klawsola ta' limitazzjoni tad-danni.

26. Ghal dawn il-motivi tichad l-appell tas-socjeta` attrici u tilqa' l-appell incidentali tas-socjeta` Medex Containers Services Limited, u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn cahdet it-talbiet tas-socjeta` attrici fil-konfront tas-socjeta` Malta Freeport Terminals Limited, izda tirrevokaha ghall-kumplament billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta Medex Container Services Limited u ghalhekk tichad it-talbiet tas-socjeta` attrici fil-konfront ta' din l-ahhar imsemmija socjeta`. L-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu kollha mis-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------